ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 2

StudentBounty.com

**Il-Ħames Sena IL-ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**L-Isem: ______________________________________ Il-Klassi: _______________**

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| *Latitudni* | *Latitude* |
| *Irjiħat prevalenti (komuni)* | *Prevailing winds* |
| *Ekwatur* | *Equator* |
| *Klima Ekwatorjali* | *Equatorial Climate* |
| *Baċir* | *Basin* |
| *Il-Pol tan-Nofsinhar* | *South Pole* |
| *Il-Pol tat-Tramuntana* | *North Pole* |
| *Foresta tropikali milwiema* | *Tropical rainforest* |
| *Tisħin globali* | *Global warming* |

1. Għid jekk dawn is-sentenzi dwar il-klima humiex veru jew le. Ittikkja (✓) il-kaxxa t-tajba.

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| a | It-temp huwa l-kundizzjoni tal-arja għal żmien qasir. | | |
| b | Kull pajjiż fid-dinja għandu l-istess tip ta' klima. | | |
| c | Żewġ fatturi ewlenin li jaffetwaw il-klima huma l-latitudni u l-għoli tal-art. | | |
| d | Hekk kif l-arja togħla 'l fuq tiksaħ b'20°C għal kull 100 metru għoli. | | |
| e | L-irjiħat prevalenti (komuni) jġibu temp frisk jekk jonfħu minn fuq l-art fis-sajf. | | |
| f | Inħawi qrib l-Ekwatur huma aktar kesħin minn postijiet qrib il-poli. | | |
| g | Fis-sajf postijiet bogħod mill-baħar bħal Moska huma ġeneralment aktar kesħin minn postijiet qrib il-kosta. | | |
| h | Klima Ekwatorjali hi sħuna u umda matul is-sena kollha. | | |
| i | L-ogħla temperaturi jiġu mkejla fid-deżerti sħan. | | |
| j | Tinżel anqas xita f'postijiet fuq il-muntanji milli postijiet aktar fil-baxx. | | |

(10)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Fil-post hawn taħt ikteb mill-ġdid u sewwi s-sentenzi li kellhom xi żball fit-taħriġ n
ewwel paġna.

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………

(10)

3. Il-graffs t'hawn taħt (Disinn 1) juru żewġ tipi differenti ta' klima. Uża l-graffs biex twieġeb il-mistoqsijiet.




***Klima Ekwatorjali*** ***Klima ta' Deżert Sħun***

*Disinn 1*

a. Liema klima hi sħuna fis-sajf bi ftit li xejn xita?

……………………………….. (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

b. Kemm hi t-temperatura ta' Marzu f'kull graff?

***Klima Ekwatorjali*** …………..  ***Klima ta' Deżert sħun*** …………..

c. Kemm tinżel xita f'Diċembru fiż-żewġ postijiet?

***Klima Ekwatorjali*** …………..  ***Klima ta' Deżert sħun*** ………….. (2)

d. Kemm huwa t-total tax-xita f'kull post irrappreżentat minn kull graff?
Agħżel minn: 400mm, 1800mm, 25mm, 4000mm, 100mm, 20mm

***Klima Ekwatorjali*** …………..  ***Klima ta' Deżert sħun*** ………….. (2)

e. Liema tip ta' klima nsibu f'dawn il-postijiet imsemmija hawn taħt.
Agħżel minn **Klima Ekwatorjali** jew **Klima ta' Deżert sħun**.

| | |
|---|---|
| Il-Foresta Amażon | |
| Id-deżert tas-Saħara | |
| Atakama | |
| Il-Kongo/il-Baċir taż-Żaire | |
| L-Indoneżja | |

(5)

4. Qabbel flimkien dawn is-sentenzi dwar **l-industrija tat-turiżmu**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | It-turisti huma dawk li jsiefru barra l-pajjiż | | billi tikkrea x-xogħol u l-ġid. |
| 2. | L-aġenziji tal-ivvjaġġar, il-koki, u dawk li jbiegħu s-suvinirs kollha jipprovdu | | klima faverovoli, baħar ikħal u sħun kif ukoll bajjiet sbieħ u mrammla. |
| 3. | L-industrija tat-turiżmu ġġib benefiċċji kbar lill-pajjiż | | trasport aktar mgħaġġel, orħos u komdu. |
| 4. | In-numru ta' turisti żdied sew dan l-aħħar minħabba | | fuq btala għall-gost. |
| 5. | Attrazzjonijiet ewlenin li jiġbdu t-turisti lejn Malta fis-sajf jinkludu | | servizz lill-industrija tat-turiżmu. |

(5)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Eluf kbar ta' turisti jiġu Malta ta' kull sena speċjalment fix-xhur tas-sajf. Semmi tli li dawn it-turisti kollha jistgħu joħolqu waqt li jkunu għal btala hawn fostna.

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

(3)



*Disinn 2*

6. Ħares sewwa lejn id-disinn (Disinn 2) t'hawn taħt.

a. Poġġi dan il-kliem fil-post it-tajjeb fuq id-disinn (Disinn 2) t'hawn fuq:

**Il-Pol tan-Nofsinhar, Il-Pol tat-Tramuntana,** u **l-Ekwatur.** (3)

b. Agħti raġuni waħda biex tispjega għaliex postijiet immarkati bl-ittra **A** fuq Disinn 2 huma sħan ħafna.

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

.......................................................................................................................

(3)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

c. Agħti raġuni waħda biex tispjega għaliex postijiet immarkati bl-ittra **B** fuq Disinn 2 ... kesħin ħafna.

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(3)

7 a. Ħares sewwa lejn il-mappa tal-Ewropa li tinsab f'Disinn 3 f'paġna 6.
Semmi l-pajjiżi mmarkati bl-ittri A, B, C u D.

Agħżel minn: **Spanja, L-Ingilterra, Is-Slovakkja, Il-Polonja, L-Italja, Il-Portugall, Ir-Russja, In-Norveġja, Il-Fillandja, Ir-Rumanija, Ir-Repubblika tal-Irlanda, Il-Bulgarija, Il-Greċja u Franza.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **A** | | **B** | |
| **C** | | **D** | |

(4)

b. Semmi u agħti kulur lil dawn il-pajjiżi fuq l-istess mappa tal-Ewropa.

**Il-Ġermanja** **Il-Belġju** (2)

c. Imla t-tabella t'hawn taħt bl-ismijiet tal-bliet kapitali mmarkati bl-ittri **E**, **F**, **G** u **H**.
Agħżel minn:

**Dublin, Bukarest, Riga, Ateni, Ruma, Oslo, Liżbona, Madrid, Vjenna, Berlin, Pariġi, Londra, Il-Belt Valletta u Stokkolma.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **E** | | **G** | |
| **F** | | **H** | |

(4)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com




Disinn 3 – Mappa tal-Ewropa

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

8 a. Fuq il-mappa tad-dinja f'Disinn 4 hawn taħt, semmi ż-żewġ postijiet immarkati **A** u **B** li għandhom klima Mediterranja.

| | |
|---|---|
| **A** | |
| **B** | |

(2)



Disinn 4 – Mappa tad-Dinja

b. Fuq l-istess mappa (Disinn 4), semmi u mmarka żewġ postijiet oħra li għandhom klima Mediterranja. (4)

c. Agħti **erba'** karatteristiċi ewlenin tal-klima Mediterranja.

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………

(4)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

9. Agħti t-tifsira tal-kelma **ħamrija**. Semmi u spjega żewġ ħwejjeġ li permezz tagħhom tista' tkun differenti waħda minn oħra.

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(4)

10. Hemm tliet tipi ewlenin ta' xogħlijiet: Xogħol Primarju, Sekondarju, u Terzjarju.

a. Ikteb fil-post it-tajjeb fit-tabella t'hawn taħt it-tifsira ta' kull wieħed minn dawn ix-xogħlijiet differenti. Qabbel it-tip ta' xogħol mat-tifsiriet mogħtija hawn taħt.

- **Jimmanifattura prodotti lesti.**
- **Itella' u jkabbar riżorsi u materja prima li tagħtina l-art.**
- **Jipprovdi servizz lill-pubbliku kif ukoll lil ħafna aġżendi u negozji.**

| **Xogħol** | **Tifsira** |
|---|---|
| Xogħol Primarju | |
| Xogħol Sekondarju | |
| Xogħol Terzjarju | |

(3)

b. Poġġi x-xogħlijiet mogħtija fil-post it-tajjeb fit-tabella t'hawn taħt.

**ħaddiema fl-industrija tal-bini, bdiewa, ħaddiema tal-minjieri, xufiera tat-*taxi*, ħaddiema li jimmanufatturaw il-karozzi, għalliema**

| **Xogħol** | **Eżempju 1** | **Eżempju 2** |
|---|---|---|
| Xogħol Primarju | | |
| Xogħol Sekondarju | | |
| Xogħol Terzjarju | | |

(6)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

11. Spjega għaliex fil-foresti tropikali milwiema bħall-Foresta Amażon

(a) il-pjanti jikbru malajr ħafna;

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(2)

(b) ftit li xejn jikbru pjanti mal-art (*undergrowth*);

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(2)

(c) insibu siġar għoljin ferm (aktar minn 40 metru għoli);

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(2)

(d) il-weraq ta' ħafna pjanti ġej għall-ponta (*drip tip*).

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(2)

12 a. X'tifhem b'**tisħin globali**.

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(3)

b. X'inhuma l-kawżi ewlenin li qed iwasslu għat-tisħin globali?

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

…………………………………………………………………………………………………

(2)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

c. Semmi **żewġ** effetti li t-tisħin globali jista' jkollu fuq Malta.

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

……………………………………………………………………………………………………

(4)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers